

32006E0300

L 111/12

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

25.4.2006

**AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2006/300/PESK****tal-21 ta' April 2006****li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2004/847/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea f'Kinshasa (DRC) fir-rigward ta' l-Unità tal-Pulizija Integrata (EUPOL "Kinshasa")**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 14 u t-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 25 tiegħu,

*Artikolu 1*

Billi:

L-Azzjoni Konġunta 2004/847/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

- (1) Fid-9 ta' Diċembru 2004, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2004/847/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea f'Kinshasa (DRC) dwar l-Unità tal-Pulizija Integrata (EUPOL "Kinshasa")<sup>(1)</sup>.
- (2) Fis-7 ta' Novembru 2005, il-Kunsill qabel li jestendi l-EUPOL "Kinshasa" għal 12-il xahar oħra wara l-iskadenza tal-mandat tagħha.
- (3) Bl-Azzjoni Konġunta 2005/822/PESK, il-Kunsill emenda u estenda l-mandat ta' l-EUPOL "Kinshasa" għall-ewwel fażi sat-30 ta' April 2006. Din l-Azzjoni Konġunta tkopri t-tieni fażi ta' l-estensjoni sal-31 ta' Diċembru 2006.
- (4) Fit-12 ta' Awwissu 2005, il-Kunsill approva permezz tad-Deċiżjoni 2005/680/PESK<sup>(2)</sup> il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Kongo dwar l-istatus u l-attivitajiet tal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUPOL "Kinshasa") fisem l-Unjoni.
- (5) Fit-23 ta' Marzu 2006, il-Kunsill iddeċieda li għandhom jikkomplew il-preparazzjoni u l-ippjanar għar-rafforzament temporanju ta' l-EUPOL "Kinshasa" matul il-proċess elettoral sabiex din tappoġġa l-unitajiet Kongoliżi fil-kontroll tal-folol f'Kinshasa. Il-mandat tagħha għandu jiġi emendat kif meħtieġ,

- 1) il-paragrafu li ġej għandu jiġi miżjud ma' l-Artikolu 1:

"3. L-EUPOL 'Kinshasa' għandha tiġi temporanjament rafforzata matul il-proċess elettoral fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3. Dan ir-rafforzament għandu jibda mhux aktar tard minn xahar qabel id-data ta' l-ewwel ċiklu ta' l-elezzjonijiet fid-DRC u għandu jintemm wara perjodu massimu ta' ħames xhur.";

- 2) l-Artikoli 2 sa 4 għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

*"Artikolu 2***Fażi ta' ppjanar**

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jiżviluppa l-istrumenti tekniċi kollha meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' l-EUPOL 'Kinshasa'. Il-Kap tal-Missjoni għandu jelabora Pjan ta' Operazzjoni (OPLAN) li għandu jieħu kont ta' stima komprensiva tar-riskji. Il-Kunsill għandu japprova l-Kunċett ta' l-Operazzjonijiet (*Concept of Operations*, CONOPS) u l-OPLAN.

L-Annessi rilevanti għall-CONOPS u għall-OPLAN li japplikaw għar-rafforzament temporanju ta' l-EUPOL 'Kinshasa' għandhom japplikaw sa l-aħħar tal-perjodu tar-rafforzament temporanju.

(1) ĠU L 367, 14.12.2004, p. 30. Azzjoni Konġunta kif emendata bl-Azzjoni Konġunta 2005/822/PESK (ĠU L 305, 24.11.2005, p. 44).

(2) ĠU L 256, 1.10.2005, p. 57.

## Artikolu 3

**Dikjarazzjoni tal-Missjoni**

L-Unjoni Ewropea għandha twestaq missjoni tal-pulizija f'Kinshasa (DRC) sabiex tissorvelja, tiggwida u tipprovdi konsulenza għat-twaqqif u t-tmexxija inizjali ta' l-IPU (*Integrated Police Unit*) sabiex jiġi żgurat li l-IPU taġixxi wara li tkun ingħatat taħriġ fiċ-Ċentru ta' l-Akkademja u skond l-aħjar prattika internazzjonali f'dan il-qasam. Dawn l-azzjonijiet għandhom ikunu ffokati fuq il-linja ta' kmand ta' l-IPU għat-tisħiħ tal-kapaċità tat-tmexxija ta' l-IPU u għas-sorveljanza, l-iggrawar u l-għoti ta' konsulenza lill-Unitajiet operattivi fl-eżekuzzjoni tal-kompiti tagħha.

L-EUPOL 'Kinshasa' għandha tkompli tissorvelja, tiggwida u tipprovdi konsulenza dwar it-twaqqif u l-iżvilupp ta' l-IPU, anke konsulenza aktar estensiva lil-linja ta' kmand ta' l-IPU rigward l-eżekuzzjoni ta' missjonijiet u konsulenza ulterjuri dwar kwistjonijiet oħrajn li jkunu komplementari għat-tmexxija effettiva tal-pulizija fid-DRC, u għandha ssaħħaħ il-kollegament ma' l-EUSEC RD CONGO fil-qasam tar-riforma tas-settur tas-sigurtà.

Għall-finijiet tar-rafforzament temporanju ta' l-EUPOL 'Kinshasa' matul il-proċess elettorali, l-EUPOL 'Kinshasa' għandha tistabbilixxi, bħala parti integrali ta' l-EUPOL 'Kinshasa' u fil-qafas globali tas-sigurtà għall-elezzjonijiet, element ta' appoġġ għall-koordinament tal-pulizija sabiex tiżgura rispons imsaħħaħ u koordinat ta' l-unitajiet Kongoliżi ta' kontroll tal-folol f'Kinshasa, f'każ ta' rvellijiet matul il-perjodu elettorali. Il-qasam ta' responsabbiltà għandu jkun limitat għal Kinshasa. L-element ta' appoġġ għall-koordinazzjoni tal-pulizija, bħala parti mill-EUPOL 'Kinshasa', ma għandux ikollu setgħat eżekuttivi.

Għall-finijiet tar-rafforzament temporanju ta' l-EUPOL 'Kinshasa' matul il-proċess elettorali, l-EUPOL 'Kinshasa' għandha jkollha l-awtorità li tuża kontribuzzjonijiet finanzjarji bilaterali dedikati sabiex jinkiseb tagħmir addizzjonali għall-unitajiet ta' kontroll tal-folol tal-Kongo f'Kinshasa. Għandu jkun hemm ftehim dirett, bejn il-Kap tal-Missjoni u l-kontributori bilaterali, dwar l-arranġamenti finanzjarji speċifiċi.

## Artikolu 4

**L-Istruttura tal-Missjoni**

Il-Missjoni tkun magħmula minn Kwartieri Ġenerali (HQ) u sorveljanti tal-pulizija. Il-HQ ikunu magħmula mill-uffiċċju tal-Kap tal-Missjoni u fergħa ta' appoġġ amministrattiv.

Is- sorveljanti, il-mentors u l-konsulenti kollha, kif ukoll l-istrutturi, ikunu ko-allokati fil-bażi operattiva ta' l-IPU.

Għall-finijiet tar-rafforzament temporanju ta' l-EUPOL 'Kinshasa' matul il-proċess elettorali, l-EUPOL 'Kinshasa' se jra tinkludi element ta' koordinament dedikat li jkun responsabbli mill-kompiti speċifiċi assenjati lill-missjoni matul dan il-perjodu.”;

3) l-Artikolu 8(1) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“1. Taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill, il-PSC għandu jeżerċita l-kontroll politiku u jipprovdi d-direzzjoni strateġika tal-missjoni. Il-Kunsill b'dan jawtorizza lill-PSC sabiex jieħu d-deċiżjonijiet relevanti skond l-Artikolu 25 tat-Trattat. Din l-awtorizzazzjoni għandha tinkludi s-setgħat ta' emendament tal-CONOPS, ta' l-OPLAN u tal-Linja ta' Kmand. Is-setgħat deċiżjonali fir-rigward ta' l-oġettivi u t-terminazzjoni ta' l-operazzjoni għandhom jibqgħu tal-Kunsill, assistit mis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli.”;

4) l-Artikolu 9 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“2. Il-Kunsill b'dan jawtorizza lill-PSC sabiex jieħu d-deċiżjonijiet relevanti dwar l-aċċettazzjoni tal-kontributi proposti u sabiex jistabbilixxi Kumitat ta' Kontributori.”;

(b) il-paragrafu 4 għandu jiġi mħassar;

5) fl-Artikolu 14, it-tieni subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“Din għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2006.”.

*Artikolu 2*

L-ammont finanzjarju ta' referenza maħsub sabiex ikopri l-infiq relatat mal-missjoni għall-perjodu mill-1 ta' Mejju 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006 għandu jkun ammont massimu ta' EUR 3 500 000.

*Artikolu 3*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 4*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, nhar il-21 ta' April 2006.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

U. PLASSNIK